L-Ewwel Ħadd tar-Randan



# Aħbar Tajba

Dewt 26, 4-10
Salm 90 (91), 1-2.10-11.12-13.14-15
Rum 10, 8-13
Lq 4, 1-13

F'dak iż-żmien, Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, raġa' lura mill-Ġordan u l-Ispirtu **ħadu fid-deżert. Hemm għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-Xitan.**

Qatt qalulek biex ma tikolx ħelu qabel l-ikel, biex ma taqtax l-aptit, imma inti x'ħin rajt il-ħelu waqgħetlek żaqqek? "U iva," għedt bejnek u bejn ruħek, "ħelwa waħda mhux se ttellifli l-aptit!" Jew inkella, ġieli bdejt il-*homework* imma kif smajt li fuq it-TV hemm xi ħaġa interessanti tlaqt kollox u mort tarah? Qatt kont waqt xi test u ġietek it-tentazzjoni li tikkopja minn ta' ħdejk?

Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet tinkwetax għax dawn it-tentazzjonijiet jiġu lil kulħadd. Kont taf li anke Ġesù għadda minn esperjenza bħal din? Fis-silta tal-lum qrajna li Ġesù kien qed jagħmel żmien speċjali ta' talb fid-deżert biex jipprepara ruħu għal biċċa xogħol kbira li kellu quddiemu. Mar f'post fejn ħaseb li seta' jkollu l-kwiet biex ikun moħħu f'Alla u fil-biċċa xogħol li kien qed iħalli f'idejh. Biex jipprepara ruħu sew, barra l-kwiet u t-talb, Ġesù kien qiegħed jagħmel żmien ta' sawm. Imma hawn jidħol fl-istorja x-Xitan li qatagħha li jtellfu milli jagħmel ir-rieda tal-Missier.

Minħabba li Ġesù kien ilu ftit mhux ħażin isum, tistgħu timmaġinaw kemm kellu ġuħ. U għalhekk ix-xitan imur fuqu u jgħidlu: "Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż." Tgħiduli: "X'fiha ħażin kieku Ġesù bidel il-ġebel f'ħobż u kiel?" Mhemm xejn ħażin li wieħed jiekol imma hawn ix-Xitan qed juża l-ikel bħala skuża. Ma kienx qed jgħidlu hekk għax kien qed jitħassru, tafux. Ix-Xitan ma kienx jimpurtah Ġesù kellux ġuħ jew le. Li ried kien li jtellef lil Ġesù milli jitlob lil Alla. It-tentazzjonijiet ma waqfux hemm. Għal tliet darbiet ix-Xitan għamilha tabirruħu li qed jipprova jgħin lil Ġesù fil-missjoni li kien fdalu Alla, imma fil-verità ried iqabbdu triq oħra li tibegħdu minn Alla. U Ġesù, għax sar bniedem bħalna, għadda mill-istess esperjenza tagħna meta jkollna xi tentazzjoni. Imma tafu kif rebaħlu Ġesù? Mhux waħdu tafux!

F'dawn il-mumenti diffiċli, Ġesù induna li kellu bżonn l-għajnuna tal-Missier. Għal kull tentazzjoni li għamillu x-Xitan, Ġesù wieġeb mhux bi kliemu u dak li xtaq hu imma bil-Kelma ta' Alla.

U tafu x'għamel ix-Xitan x'ħin induna li Ġesù ma kienx waħdu? Qata' qalbu u telaq. Din tgħodd għalina wkoll. Għalhekk ejjew kull darba li jkollna xi tentazzjoni, ma naħsbux li waħedna nistgħu nagħmlu kollox imma nduru lejn Alla u nitolbuh l-għajnuna tiegħu.



## Sib il-Kelma

Fost dawn l-ittri t'hawn taħt għandek issib moħbija ħmistax-il kelma marbuta mas-silta li qrajna llum. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib dan il-kliem mistur:
**ĠESÙ, SPIRTU, ĠORDAN, DEŻERT, ERBGĦIN, ĠEBLA, ĦOBŻ, QIMA, SETGĦA, MULEJ, XITAN, ĠERUSALEMM, TEMPJU, ANĠLI, TIĠRIB**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | I | T | I | Ġ | R | I | B | L | M |
| A | N | Ġ | E | S | Ù | S | M | T | U |
| Ħ | Ġ | O | GĦ | S | IE | P | S | E | L |
| O | E | R | T | G | L | I | E | M | E |
| B | B | D | E | Ż | E | R | T | P | J |
| Ż | L | A | Ċ | D | B | T | GĦ | J | Q |
| T | A | N | Ġ | L | I | U | A | U | I |
| Ġ | E | R | U | S | A | L | E | M | M |
| S | E | R | N | X | I | T | A | N | A |
| J | E | R | B | GĦ | I | N | W | Z | Ż |

Agħti l-kulur



## Bdejna r-Randan...




Reġa' wasal dak iż-żmien mistenni minn kulħadd! Mhux il-karnival. Le, dan jiġi eżatt wara. Qed nitkellem fuq ir-Randan. Forsi qed tgħid: "Hekka mistenni minn kulħadd, ukoll!"

Sfortunatament għal ħafna r-Randan hu żmien li ma tantx iqanqal gost. Ħafna drabi moħħna mill-ewwel imur fuq il-penitenza, u biex ngħiduha kif inhi ħadd ma jieħu gost bil-penitenza. Allura għaliex kull sena jkun hemm min iħeġġiġna biex matul dawn il-jiem nagħmlu xi sagrifiċċju żgħir?

Is-sagrifiċċju ma nagħmluhx għax nieħdu gost bih imma għax huwa ta' għajnuna għalina.

## Din il-Ġimgħa...

**Ara ftit liema sagrifiċċju se tagħmel matul il-jiem tar-Randan. Jekk qatt ma għamilt sagrifiċċju jew ilek ftit, ibda b'xi ħaġa żgħira. Fl-istess ħin fittex li tagħmel affarijiet tajbin matul dawn il-jiem u fuq kollox sib ħin biex titlob. Itlob biex tkompli miexi fit-triq it-tajba u itlob għal sħabek biex huma wkoll jimxu din it-triq li twassalna għand Ġesù.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**Promozzjoni**




# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION